MINUS ONE
Il-Grupp Malti li joffri Sapport lir-Romol
https://minusone.eu
info@minusone.eu

Volum 26
Ħarġa 012
Frar 2023

# Attivitajiet-Frar 2023

**It 3 ta' Frar—**Sala MAV Ħamrun-20.00 taħdita fuq diversifikazzjoni, riskji u investimenti.

**L-10 ta' Frar** – Illum se niltaqgħu fil-11.00 ta' filgħodu u mmorru Esplora. Prezz biex nidħlu huwa €4. Jekk it-temp jippermetti wara mmorru passiġġata flimkien.

**Is-17 ta' Frar** – Carnival party– Pizza (marherita jew capricciosa jew chicken jew tuna) jew Burger (cheese jew egg jew bacon) jew Salad. Deżerta. Boċċi Club Lija. Prezz 15€. **Xorb mhux inkluż**. Se jkollna Dj. Min irid jista' jiġi bil-kostum. Booking u x'ser tieklu permezz ta' Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387

**L-24 ta' Frar —** 20.00-Birthday celebrations ġewwa Ta' Cassia restaurant Salini.

**Menu.**

**Ta' Cassia Restaurant Salini**

**Starters -**

Soup of the day jew Pen fried Gozo cheese jew penne a la creme jew Risotto di gambero

**Main -**

Rib eye steak jew Chicken jew Rose lamb jew Gilded Beam

**Dessert -**

Cake

**Għidulna x'ser tieklu mal-booking.**

**Xorb mhux inkluż.**

**Inti ...**

Inti tlaqt imma ma tlaqtnix,
warrabt imma ma ħallejtnix.
Inti mort imma ma nfridniex,
sifirt imma m'għidtlix għaliex.
Inti ħrabt imma ma ħadtnix,
Għibt imma m'għosfortx.
Inti nħbejt u għadek tidher,
staħbejt u għadni narak.
Inti mxejt u għadek miegħi,
ħriġt u għadek hawn.
Inti skitt u sikwit tkellimni,
ħarist u qed tarani.
Inti tbissimtli u titwennes f'qalbi,
ħabbejtni u tibqa' tħobbni.

Lewis Farrugia
14 ta' Ġunju 2020



***Ħbieb,*** inħossni ħati, inħossni guilty. Din hija emozzjoni naturali li nħossuha meta ngħaddu minn din l-istorja li bidlitilna ħajjitna ta' taħt fuq. Ħati għax jien għadni hawn u hi jew hu telaq, ħati għax ma kontx nieħu daqshekk paċenja, insomma, dejjem naraw xi nsibu sabiex inħossuna ħatja anke jekk ħatja m'aħniex. Ħati għax nidħaq, ħati għax immur niddeverti, ħati għax insiefer, ħati għax għandi sieħeb jew sieħba. Il-lista hija twila u ma tispiċċa qatt.

Ħa nkun onest, anke jien kont inħossni hekk u naħseb li din il-biċċa xi darba jew oħra għadda minnha kulħadd. Timxi id f'id mal-ħtija hemm il-biża', il-biża' li mhux se nkunu kapaċi mmexxu f'ħajja ġdida f'dinja antika weħedna. Il-biża' li niġu ġġudikati mis-soċjetà u minn ta' ġewwa. Il-biża' mill-bidla kattiva mingħajr ħniena li ma ridniex għax il-pjanijiet ma kinux hekk.

Nifhem li dawn l-emozzjonijiet jorbtuna u jżommuna milli nimxu 'l quddiem fid-direzzjoni li niddeċiedu li nagħtu lil-ħajjitna. Nibdew induru ċirku tond li ma jwassalna mkien. Jiena għandi rispett kbir lejn min jiddeċiedi li jibqa' waħdu meta jormol jew li jħoss li jkun għadu mhux il-waqt għal ċerti affarijiet. Dejjem nisħaq li kulħadd għandu jkollu d-dritt u l-liberta li fil-kwiet, bil-kalma u b'responsabbilita jieqaf, jaħseb u jiddeċiedi xi jrid minn ħajtu. Hawn ukoll min jiddeċiedi li ma jiddeċidix u skond id-daqqa jiżfen. Jien hekk kont għamilt, ġejt il-grupp sabiex nagħmel ħbieb ġodda li jifmhuni. Però, il-ħajja offrietli l-possibilità li nipprova nibni relazzjoni u ħajja oħra ma' persuna li tifhimni.

Meta tormol kollox isir aktar diffiċli. Nifhem li mhux kulħadd mill-familjari tagħna jaċċetta relazzjoni ġdida, persuna oħra ġdida li tidħol f'ħajjitna u f'ħajjithom. Dawn mhumiex affarijiet tal-għaġla. Ftakru għeżież romol li l-familjari tagħna wkoll ikunu għaddejjin minn żmien ta' niket u għalhekk huwa hawn fejn tidħol l-imbierka paċenzja, irridu nieħdu paċenzja.

*33Ikompli paġna 2*

Aħna r-romol nieħdu ħsieb kulħadd. It-tfal, il-familji ta' min telaq u l-familja tagħna, hekk hu sewwa u hekk hu d-dover tagħna. Imma allura ħsieb tagħna nfusna ma niħdux? Aħna m'aħniex importanti? Għandna dritt nerġgħu nkunu ferħana? Ħa noqogħdu ninkwetaw li niġu ġġudikati? Ħa noqogħdu naħlu ħajjitna nħossuna ħatja?

Hekk jonqos ukoll, laqqatna daqqa enormi u minn fuq niġu ġġudikati u nħossuna ħatja. Jien nitlobkom tkunu onesti u tweġbuni. Ħatja ta' xiex? Għax aħna romol u ltqajna ma' persuna oħra? Għax inkunu xi mkien ma' persuna oħra u jgħaddu xi kumment jew iħarsu lejna?

Tiħdux fuq spallejkom problemi li huma ta' ħaddieħor. Min jiġġudika, hu għandu problema u mhux int. Isimgħu minni u istmaw lil kulħadd talli hu. Min ma jaċċettax li jien għandi relazzjoni serja ma' persuna oħra, hija problema tiegħu u mhux tiegħi. Wara kollox, qalu fuq Kristu se neħduha bi kbira għax jgħidu fuqna? Vera dak hu Kristu mwieled Betlehem u jien Victor imwieled San Luqa, imma jien hekk magħmul, nirrispetta lil kulħadd, però nippretendi li jien niġi rispettat ukoll għax jien importanti wkoll, ħafna wkoll. Jiena sirt l-aktar persuna importanti fid-dinja għax jekk nieqaf jien ikun waqaf kollox.

Is-sens tal-ħtija u l-biża' se jibqgħu magħna, imma mhux għal dejjem. Dan huwa proċess naturali għax aħna tad-demm u l-laħam. Id-deċiżjoni li nidħlu membri f'din il-familja kbira kien pass fid-direzzjoni t-tajba. Jiena la għadni nibża' u lanqas inħossni ħati għax jien għandi d-dritt li ngħix u mhux neżisti. Barra minn hekk jien irrid nuża l-enerġija tiegħi fuq il-ħajja u mhux naħliha fuq il-mewt.

Ċerti frażijiet, ċerti kitbiet nibqa' niktibhom minn żmien għal żmien għax jibqgħu dejjem rilevanti. Romol ġodda jkollom bżonn li jisimgħu u li jaqraw dawn il-kitbiet għax f'din id-dinja *no man is an island* fejn aħna kollha bżonn xulxin, aħna kollha importanti u kulħadd irid jgħix għax ħadd mhu għar-rimi.

Kuraġġ ħbieb.

Victor.

## Madre Tereża

Din il-mara straordinarja, ċkejkna fl-istatura tagħha li kien jisimha Agnes Gonxha Bojaxhiu magħrufa aktar bħala **Madre Tereża**. Imwielda fis-26 ta' Awwissu, 1910 fi Skopje, kienet l-iżgħar tarbija mwielda minn Nikola u Drane Bojaxhiu. Irċeviet l-Ewwel Tqarbina tagħha fl-età ta' ħames snin. Missierha miet waqt li kellha biss tmien snin u din il-biċċa ħalliet lill-familja tagħha f'diffikultajiet finanzjarji.
Il-formazzjoni reliġjuża ta' Gonxha kienet assistita mill-parroċċa vibranti tal-Ġiżwiti tal-Qalb ta' Ġesù li fiha kienet involuta ħafna bħala żagħżugħa.

Sussegwentement marret biex issegwi xogħol missjunarju, Gonxha telqet mid-dar tagħha f'Settembru 1928 fl-età ta '18-il sena biex tingħaqad mal-Istitut tal-Verġni Mbierka Marija, magħrufa bħala s-Sorijiet ta' Loreto, fl-Irlanda. Hija rċeviet l-isem Sister Mary Teresa wara Santa Tereża ta' Lisieux. F'Diċembru tal-1929, hija telqet għall -ewwel vjaġġ tagħha lejn l-Indja, u waslet f'Calcutta. Wara li għamlet l-Ewwel Professjoni tal-Wegħdiet tagħha f'Mejju 1931, Sister Teresa ġiet assenjata lill-komunità Loreto Entally f'Calcutta u mgħallma fl-Iskola Santa Marija għall-bniet.
Sister Teresa għamlet l-aħħar Professjoni tal-Wegħdiet tagħha, Fl-24 ta' Mejju, 1937, u saret, kif qalet, il-"konjuġi ta' Ġesù, għall-eternità kollha." Minn dak iż-żmien 'il quddiem kienet tissejjaħ Madre Tereża.

Hija kompliet tgħallem f'Santa Marija u fl-1944 saret il-prinċipal tal-iskola. L-għoxrin sena ta' Madre Tereża f'Loreto mtlew b'ferħ profond. Innotata għall-karità u l-kuraġġ tagħha, il-kapaċità tagħha għal xogħol iebes u talent naturali għall-organizzazzjoni, għexet il-konsagrazzjoni tagħha lil Ġesù, f'nofs sħabha, b'fedeltà u ferħ.
Kien fl-10 ta' Settembru, 1946 waqt rikba tal-ferrovija minn Calcutta għal Darjeeling għall-irtir annwali tagħha, li Madre Tereża rċeviet "ispirazzjoni, is-sejħa tagħha fi ħdan sejħa." Dakinhar, b'mod li qatt ma kienet tispjega, l-għatx ta' Ġesù għall-imħabba u għall-erwieħ ħa f'qalbha u x-xewqa li joqgħod l-għatx tiegħu saret il-mutur ta' ħajjitha. Minkejja problemi ta' saħħa dejjem aktar severi lejn l-aħħar ta' ħajjitha, Madre Tereża kompliet tiggverna s-Soċjetà tagħha u twieġeb għall-ħtiġijiet tal-foqra u tal-Knisja. Sal-1997, is-Sorijiet ta' Madre Tereża kienu jammontaw għal kważi 4,000 membru u ġew stabbiliti f'610 fondazzjoni f'123 pajjiż tad-dinja. F'Marzu 1997 bierket lis-suċċessur tagħha li kien għadu kif ġie elett bħala Superjur Ġenerali tal-Missjunarji tal-Karità u mbagħad għamlet vjaġġ ieħor barra l-pajjiż.

Wara li ltaqgħet mal-Papa Ġwanni Pawlu II għall-aħħar darba, hija rritornat Kalkutta u qattgħet l-aħħar ġimgħat tagħha tirċievi viżitaturi u tagħti struzzjonijiet lis-Sorijiet tagħha.